## 22 ta' Novembru, 1995

## Imħallfin:-

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**
**Onor. Giannino Caruana Demajo B.A., LL.D.**

Joseph Aquilina *noe*

*versus*

Richard dei Conti Stagno Navarra

## Kompetenza tal-Qorti ta' Għawdex - Residenza Ordinarja - Post fejn Jistgħu jiġu Esegwiti Obbligazzjonijiet u Drittijiet

*Il-liġi tipprovdi għal kompetenza speċjali relattivament għall-Qrati ta' Għawdex in linea ta' eċċezzjoni għar-regola ġenerali li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha tieħu konjizzjoni u taqta l-kawżi kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom. Il-kompetenza tal-Qrati ta' Għawdex hija limitat għal pretensjonijiet kontra l-persuni li joqogħdu jew li għandhom ir-residenza ordinarja tagħhom fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna.*

*F'din il-kawża, inoltre, il-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hija radikata kemm minħabba l-fattur tar-residenza f'Malta tal-konvenut kif ukoll minħabba l-fattur l-ieħor li t-talba tirrigwarda obbligazzjonijiet u drittijiet li jistgħu jiġu esegwiti biss f'Malta.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li minha sar dan l-appell deċiża fit-8 ta' Jannar, 1993 li taqra hekk:

"Rat l-att taċ-ċitazzjoni pprezentat fit-22 ta' Mejju, 1992 li biha l-attur *nomine* - premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess li taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Arċisqof ta' Malta jeżisti, fost benefiċċji oħra l-benefiċċju ta' Ġuspatronat Lajkali msejjaħ Abbazia di San Antonio Abbate delli Navarra fondat minn Nobildonna Cosmana Combo Navarra fl-atti tan-Nutar Nicola Allegritto tal-25 ta' Awissu, 1675 li l-aħħar possessur tiegħu, kanonikament elett, kien il-Kanoniku Dun Francesco Saverio Bianco li miet fit-3 ta' Novembru, 1989;

Premess li, wara l-mewt ta' l-imsemmi Dun Saverio Bianco, il-konvenut beda jirriklama d-dritt li jkun imiss hu, fl-imsemmi Benefiċċju billi allega li hu l-eqreb dixxendent maskili dirett ta' Federico Falzon Navarro dixxendent mill-imsemmija Fondatriċi;

Premess li din il-pretensjoni, wara li ġiet ampjament mistħarrġa, ġiet miċħuda minn Monsinjur Arċisqof b'digriet tal-21 ta' Frar, 1992 fuq il-motiv prinċipali li l-konvenut mhux kjeriku;

Premess li l-konvenut mingħajr biss informa lill-atturi, fis-26 ta' Marzu, 1992, adixxa l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja u talab "li jkun ikkonfermat bħala pussessur tal-Ġuspatronat Lajkali msejjaħ l-Abbazia di San Antonio Abbate delli Navarra stante li hu l-eqreb dixxendent maskili dirett ta' l-Illmo Federico Falzon Navarra skond l-att ta' fondazzjoni"; talab ukoll li jkun awtorizzat jirreklama l-pussess tal-beni kompriżi f'dan

il-Ġuspatronat mingħand terz anke permezz ta' proċeduri ġudizzjarji jekk ikun meħtieġ u li tiġi kkonfermata l-klawsola fl-att ta' fondazzjoni illi permezz tagħha l-pussessur ta' l-imsemmi benefiċċju hu prekluż milli jbigħ xi parti mell-beni hekk kompriżi iżda għandu biss il-fakolta' illi jikkonċedi l-istess beni in enfitewsi temporanja jew perpetwa;

Premess li b'digriet tas-27 ta' Marzu, numru 40/92 - l-għada stess tal-preżentazzjoni tar-rikors - l-imsemmija Qorti mingħajr biss ma nnotifikat ir-rikors lill-attur odjern, trattandosi minn talba li *icto occuli* kienet tirrigwardah bħala Kap Spiritwali ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, biex tisma' almenu x'kellu xi jgħid, laqgħet it-talbiet tal-konvenut li kkunsidrata "ġustifikati";

Premess li għall-kuntrarju, kif jiġi sottomess waqt it-trattazzjoni tal-kawża, il-pretensjoni tal-konvenut - li tolqot materja komplessa trattata fil-leġislazzjoni kanonika - hi għal kollox infondata;

Premess li, apparti l-mod leġġier li materja hekk komplessa u kkomplikata ġiet ittrattata quddiem 'il fuq imsemmija Qorti, l-istess Qorti adita kienet **inkompetenti** li tieħu konjizzjoni tar-rikors billi, skond l-artikolu 54 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja hi ċirkoskritta għal-limiti tal-ġurisdizzjoni tagħha lokali skond ma jiddisponi l-artikolu 50 ta' l-istess Kodiċi; di piu' - u dan hu vitali - il-materja li tressqet quddiemha kienet materja kontenzjuża li kellha tiġi mill-ewwel rimessa għall-kontenzjuż;

U premess li l-atturi ħassew ruħhom aggravati mill-imsemmi Digriet (li hu dejjem Digriet ta' Qorti) li m'għandux jibqa' fis-seħħ;

*Talab li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, fis-sens ta' l-artikolu* 35 ta' l-imsemmi Kodiċi, tagħti l-provvediment meħtieġ billi, prevja r-revoka ta' l-imsemmi Digriet numru 40/92 mogħti fis-27 ta' Marzu, 1972, mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Volontarja) tant għax mogħti minn Qorti inkompetenti kemm għax nieqes minn kull fondament u siwi u, f'dan l-aħħar każ tiddikjara u tiddeċidi li l-konvenut mhux u ma jistax ikun, kif jippretendi, kjamat għal fuq imsemmi Benefiċċju ta' Ġuspatronat Lajkali ta' San Antonio Abbate delli Navarra;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk taż-żewġ kontroprotesti ta' l-attur *tat-22 ta' April u l-15 ta' Mejju, 1992 kontra l-konvenut li jibqa'* nġunt għas-subizzjoni tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-imsemmi Richard dei Conti Stagno Navarra ppreżentata fid-9 ta' Awissu, 1992 li eċċepixxa:

Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi stante illi a tenur ta' l-artikoli 50(2)(b), 53 u 54 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-unika Qorti kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża hija l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri Ċivili);

Illi wkoll in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-atturi m'humiex il-persuni leġittimi li għandhom jew jistgħu jistitwixxu azzjoni bħal dik odjerna għaliex din tispetta lill-persuna li tiġi talvolta msejħa għall-pussess tal-Benefiċċju ai termini tal-fondazzjoni ta' l-istess Benefiċċju (salv dak li qiegħed jiġi eċċepit aktar 'il quddiem, fis-sens illi huwa l-eċċipjenti l-persuna hekk imsejħa);

Illi wkoll in linea preliminari, iċ-ċitazzjoni hija rregolari u kwindi nulla għaliex id-domanda prinċipali ta' l-atturi mhix speċifikata iżda qed tiġi mħollija **fid-diskrezzjoni assoluta** tal-ġudikant bil-kliem li ġie użat "tagħti l-provvediment meħtieġ", fil-waqt li d-domanda l-oħra għar-revoka tad-digriet (għar-raġunijiet li jsegwu din id-domanda) mhix ħlief talba preliminari kif difatti jingħad bil-kelma "previa"]

Illi wkoll in linea preliminari, anke jekk l-atturi huma persuna leġittimi biex jistitwixxu din l-azzjoni, huma ma għandhomx interess ġuridiku sabiex jintentaw din il-kawża, stante illi huma ma ġew bl-ebda mod aggravati bid-digriet illi tiegħu huma qegħdin jitolbu r-revoka, u billi fi kwalunkwe każ huma ma għandhom ebda drittijiet u ebda interess fuq il-Benefiċċju ossia Ġuspatronat Lajkali (li mhux ekklesjastiku) msejjaħ l-Abbazia di San Antonio Abbate delli Navarra";

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, dak li l-atturi qed jitolbu fil-meritu jmur kontra d-disposizzjonijiet espressi tal-fondazzjoni li jeskludi kwalunkwe kjeriku mill-pussess u tgawdija tal-Benefiċċju;

Illi per konsegwenza, dan il-Benefiċċju hu wieħed Lajkali u mhux Ekklesjastiku u lanqas biss jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-awtorita` Ekklesjastika u l-Kodiċi Kanoniku m'huwiex applikabbli;

Illi wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-meritu, id-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja huwa ġust u ma għandux la jiġi rrevokat u lanqas b'xi mod mibdul jew minsus;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt:

Rat il-verbal tat-22 ta' Ottubru, 1992 li bih il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni preliminari ta' l-inkompetenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Il-konvenut qed jeċċepixxi illi din il-Qorti mhix kompetenti biex tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi għaliex jikkontendi li "l-**unika** Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża hija l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri Ċivili". Dan a tenur ta' l-artikolu 50(2)(b), 53 u 54 tal-Kap. 12;

Il-Qorti qieset din l-eċċezzjoni fid-dawl tal-provvedimenti ċitati mill-konvenut, tal-prinċipji legali applikabbli fuq il-ġurisdprudenza in materja u ssib li din ma hijiex sostenibbli. Rilevanti dawn il-fatti li jirriżultaw ipprovati mill-atti;

Il-konvenut "joqgħod jew għandu r-residenza ordinarja tiegħu f'parti tal-gżira ta' Malta". Hu nnifsu infatti jagħti bħala indirizz tiegħu f'diversi atti ġudizzjarji li kopja tagħhom hi esebita fil-proċess il-fond 29, Perry Court, Birkirkara Road, San Ġiljan, Malta - anke f'atti ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri Ċivili. Hekk jirriżulta fil-protest ta' l-14 ta' April, 1992 innotifikat lill-atturi u oħrajn;

Ma hemm l-ebda dubbju li l-atturi f'din il-kawża - kienu l-persuni li lejhom kienu indirizzati l-proċeduri ġudizzjarji inizjati mill-konvenut quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja u li taw lok għall-preżenti istanza - huma residenti ordinarjament fil-gżira ta' Malta u jokkupaw kariga inerenti ma' l-*estensjoni territorjali tagħha;*

Il-meritu tal-kawża jirrigwarda d-dritt pretiż mill-konvenut li jiġi "kjamat għall-Benefiċċju ta' Ġuspatronat Lajkali ta' San Antonio Abbate delli Navarra". Hu f'dan ir-rigward li qed jiġi kkontestat id-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja tas-26 ta' Marzu, 1992 (digriet numru 40/92). Jirriżulta mill-ittra tal-konvenut stess tat-18 ta' Settembru, 1991 li l-konsulent legali ta' l-atturi u mill-atti tal-kawża fosthom l-estratt tal-fondazzjoni illi "L-altar ta' San Antonio Abbate (li fl-interess tiegħu ġie kanonikament erett il-Benefiċċju ma jinsabx f'xi kappella privata tal-familja imma huwa l-altar fuq ix-xellug ta' dak prinċipali **fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl tar-Rabat (Malta)** .... Infatti l-fondazzjoni saret **bl-intendiment biss** li jiġu salvagwardati u kkurati l-oġġetti tad-deheb u fidda u oġġetti prezzjużi oħra mħollija mill-fondatriċi biex isebbħu u jarrikixxu **dak l-altar** eċċ .... u **biex jinħatar rettur** minn żmien għal żmien **biex jamministra l-beni dotali u mir-rikavat jipprovdi għall-ispejjeż kollha**". Hu għal dan ir-rettorat li l-konvenut isostni li għandu jedd li jiġi kjamat. Issa hu ovvju illi l-fatt li fost il-proprjeta' tal-Benefiċċju hemm xi immobbli sitwati Għawdex hu għal kollox aċċidentali u żgur irrilevanti għad-determinazzjoni tal-kweżit jekk il-konvenut għandux jew le d-dritt li jiġi kjamat għall-Guspatronat Lajkali in kwistjoni. Dawn il-fatti qed jiġu f'dan l-istadju elenkati limitatament għall-iskop li tiġi deċiża l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ta' **din** il-Qorti u mhux it-talba fil-meritu li tinvolvi wkoll deċiżjoni dwar il-

kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja għalkemm naturalment xi wħud mill-fatti jistgħu jkunu wkoll rilevanti f'dan l-eżerċizzju li l-Qorti jeħtiġilha li tagħmel fi stadju ieħor;

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kif hu risaput, hija l-Qorti ta' ġurisdizzjoni ordinarja u oriġinali "li minnha jiġu maqtugħa l-kawżi **kollha** ta' natura ċivili u dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili **jew li s'issa din il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom u li dwarhom xejn ma biddel dan il-Kodiċi** (artikolu 32(1) tal-Kap.12). Bħala regola allura hi din il-Qorti li għandha kompetenza li tisma' l-kawżi kollha ta' natura ċivili ħlief dawk li **eċċezzjonalment** huma bil-liġi fdati biex jinstemgħu minn xi Qorti oħra. Senjatament mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex, Superjuri Ċivili, kif ipprovdut fl-artikolu 59(1) tal-Kap. 12 invokata mill-konvenut fl-eċċezzjoni tiegħu. Il-kompetenza ta' din il-Qorti pero` - tenut kont ta' l-eċċezzjonalita` tal-provvediment - hi strettament ċirkoskritta u limitata fit-termini li l-liġi stess tippreskrivilha dan l-istess artikolu. Jingħad fih infatti illi dik il-Qorti ta' Għawdex **bl-esklużjoni tal-Qrati ta' Malta** - li naturalment teżawtora l-kompetenza ta' din il-Qorti, hija kompetenti biex tisma' u tieħu konjizzjoni - bħala Qorti ta' l-ewwel grad - "ta' kull pretensjoni **kontra** l-persuni li joqogħdu jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja fil-gżira ta' Għawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom dik il-Qorti";

Hu ċar għalhekk illi fuq kollox u qabel xejn hu l-fattur **tar-residenza tal-konvenut** li jirradika l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex, ad esklużjoni tal-kompetenza ta' din il-

Qorti. Element dan li manifestament ma jokkorrix fil-każ in eżami in kwantu kif ingħad fuq il-konvenut jirriżulta li hu residenti f'San Ġiljan, Malta;

Il-Kodiċi ta' Proċedura fl-artikolu 741(ċ) jistabbilixxi li l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti tista' tingħata fost każi oħra li, meta hu mogħti lill-konvenut il-benefiċċju illi jiġi msejjaħ quddiem Qorti partikolari. L-artikolu 767 imbagħad ikompli jżid li dan il-benefiċċju msemmi fil-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 741 hu mogħti lill-persuni <u>li joqogħdu</u> fil-gżira ta' Malta rigward il-Qorti ta' din il-gżira u lil dawk <u>li joqogħdu</u> fil-gżira ta' Għawdex jew Kemmuna rigward il-Qrati ta' dawk il-gżejjer. "Minn dawn id-disposizzjonijiet inħoloq id-dritt ta' kull persuna <u>li tiġi mħarrka quddiem il-Qorti tal-gżira fejn hija tinsab toqgħod</u>". Taħt dan l-aspett allura l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza kienet tkun sostenibbli biss kieku l-konvenut ipprova li hu joqgħod jew hu ordinarjament residenti fil-gżira ta' Għawdex. Dan ma rriżultax. Irriżulta infatti l-kuntrarju;

Il-Qorti tmur oltre. Anke li kieku kellu jiġi aċċettat illi l-konvenut kien intitolat jeċċepixxi l-inkompetenza fuq il-bażi tar-residenza tiegħu fil-gżira ta' Għawdex, hu xorta ma setax jagħmel hekk b'suċċess in kwantu jirriżulta li t-talba tirrigwarda obbligazzjonijiet u drittijiet li jistgħu jiġu eżegwiti biss fil-gżira ta' Malta. Infatti l-artikolu 770 tal-Kap.12 jipprovdi espressament illi "il-*privilegium fori* jispiċċa wkoll fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tiġi esegwita fi gżira partikolari. "Hekk ukoll għalkemm il-konvenut ikun residenti Għawdex, jekk il-kawża tkun dwar obbligazzjoni li skond il-ftehim kellha ssir Malta, allura kompetenti jkunu l-Qrati ta' Malta" (Vol. XXXVII, P.I, p.59; Vol. XXVIII,P.III, p.1114; Vol. XIX, P.III, p.35;

Vol. XXX, P.I., p.1004; Vol. XXXI, P.II, p.772). Kif ġa` fuq rilevat il-fatti pprovati juru illi l-fondazzjoni tal-Ġuspatronat Lajk li ta lok għal din il-vertenza u li dwaru l-konvenut jivvanta jeddijiet speċifiċi li minnhom jemerġu l-allegati obbligi tal-konvenut ġie erett fil-gżira ta' Malta u li hu f'din il-gżira li l-konvenuti qed jiġu mitluba li jissodisfaw l-obbligu li l-konvenut jippretendi li għandhom versu lejh li jirrikonoxxuh bħala msejjaħ għall-istess Benefiċċju Ġuspatronali. Att ta' rikonoxximent li, se mai, il-konvenuti jinħtiġilhom jespletaw fl-Arċidjoċesi <u>**ta' Malta**</u>. Anke taħt dan l-aspett allura l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ma tistax treġi;

Jibqa' l-aħħar aspett x'jiġi kkonsidrat li l-konvenut jaċċenna għalih rigward din l-eċċezzjoni. Hu donnu jippretendi illi digriet tal-Qorti ta' Għawdex fil-kompetenza tagħha ta' Ġurisdizzjoni Volontarja jista' biss jiġi kkontrastat quddiem dik l-istess Qorti fil-kompetenza tagħha kontenzjuża. Il-Qorti ma ssibx li tali sottomissjoni għandha fondament fil-liġi. Infatti rikors quddiem Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja ġeneralment ma jsirx <u>**in kontestazzjoni**</u> ta' parti oħra ħlief f'ċerti każijiet partikolari bħal dik għas-separazzjoni personali. Jimporta fil-maġġor parti tal-każi biss talba mir-rikorrent għall-konsiderazzjoni tal-Qorti biex tintalab awtorizzazzjoni jew biex jiġi kkawtelat xi dritt. Tali kontestazzjoni setgħet tokkorri biss fil-każijiet fejn "tidher persuna biex topponi t-talba" u l-Qorti teżamina r-raġunijiet ta' l-opposizzjoni u jew tagħti l-provvedimenti mitluba jew tibgħat il-partijiet - allura jkunu saru tnejn - quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża skond kif jidhrilha sewwa" (artikolu 485 tal-Kap. 12). Hu f'dan l-istadju tal-opposizzjoni fejn setgħet tiġi sollevata - anke quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja - l-inkompetenza ta' dik il-Qorti. Opportunita` li l-atturi odjerni ma jidhirx li kellhom inkwantu ma ġewx innotifikati bil-proċeduri inizjati mill-konvenut quddiem din

il-Qorti. Bl-ebda mod allura ma ssottomettew ruħhom għall-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti. **Hu ċar li l-Qorti li tat id-digriet impunjat ma hijiex parti f'din l-istanza**. Il-konvenut li qed jiġi kkontestat lilu dak li ottjena b'dak id-digriet qed jiġi mħarrek sewwa fil-foro partikolari tiegħu u l-Qorti ma tifhimx kif dan jista' oġġettivament jippreġudika l-azzjoni attriċi jew ixejjen il-kompetenza li hi skond il-liġi għandha li tieħu konjizzjoni tat-talba;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tagħha bl-ispejjeż kontra l-konvenut";

*Omissis*;

L-appellant qed jissottometti illi:

Skond l-artikolu 35 tal-Kap. 12 abbinati ma' l-artikoli 52(2)(b), 53 u 54 ta' l-istess Kap. 12, indipendentement mill-meritu tar-rikors u tad-digriet mogħti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili u indipendentement minn kull konsiderazzjoni oħra, digriet mogħti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili ossia mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja, jista' jiġi attakkat biss b'kawża quddiem dik l-istess Qorti Superjuri Ċivili;

Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti invertiet ir-raġunament loġiku u l-konsiderazzjonijiet legali kollha involuti fid-deċiżjoni ġusta ta' din l-eċċezzjoni tiegħu;

L-ewwel Qorti kkonfondiet il-kwistjoni jekk id-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja, huwiex validu, ingħatax b'mod regolari u minn Qorti kompetenti, mal-kwistjoni unika illi proprjament kellha tiġi studjata u deċiża

minnha, u ċjoe` jekk hijiex il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri Ċivili jew il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili illi hija kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni ta' kawża intiża sabiex timpunja digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja;

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti s-sottomissjonijiet ta' l-appellant in sostenn tal-aggravji tal-appell tiegħu ma jirrispondux għall-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li huma fundamentali għas-soluzzjoni tal-vertenza odjerna u li din il-Qorti taqbel perfettament magħhom;

Infatti dak li hu fundamentali għall-fini ta' din il-vertenza, huwa l-fatt li l-liġi tipprovdi għal kompetenza speċjali relattivament għall-Qrati ta' Għawdex in linea ta' eċċezzjoni għar-regola ġenerali li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha tieħu konjizzjoni u taqta' l-kawżi kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom. L-artikolu 50 tal-Kap. 12 li joħloq l-eċċezzjoni għar-regola ġenerali msemmija jillimita l-kompetenza tal-Qrati ta' Għawdex għal pretensjonijiet kontra l-persuni li joqogħdu jew li għandhom ir-residenza ordinarja tagħhom fil-gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna;

Dan ċertament mhux il-każ preżenti kif hemm tajjeb delinejat fis-sentenza appellata;

Inoltre, imbagħad, kif sewwa ssottomettew l-appellati, ma jistax jiġi abbinat l-artikolu 35 tal-Kap. 12 ma' l-artikolu 50(2)(1) ta' l-istess Kap. bil-mod kif qed jippretendi l-appellant, peress li dejjem jibqa' li biex tkun kompetenti l-Qorti Ċivili (Għawdex) fil-

kompetenza tagħha superjuri jridu l-ewwel u qabel xejn jirriżultaw l-estremi ta' l-artikolu 50 u ċjoe` li jekk non si tratta ta' persuni li joqogħdu jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja fil-Gżira ta' Għawdex, jew ta' Kemmuna, hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li hija kompetenti u mhux dik ta' Għawdex;

Ma' dan kollu jiżdied ukoll dak li qalet l-ewwel Onorabbli Qorti u ċjoe` illi l-kompetenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti hija radikata kemm minħabba l-fattur tar-residenza f'Malta tal-konvenut kif ukoll minħabba l-fattur l-ieħor li t-talba tirrigwarda obbligazzjonijiet u drittijiet li jistgħu jiġu esegwiti biss fil-gżira ta' Malta. Fatturi, dawn li fil-fehma ta' din il-Qorti huma fundamentali għaliex jirradikaw il-kompetenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla ad esklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri;

Għal dawn il-motivi, l-appell tal-konvenut qed jiġi respint u s-sentenza ta' l-ewwel Qorti qed tiġi kkonfermata. L-ispejjeż ta' dan l-appell, salv dawk diġa` deċiżi, ikunu a kariku tal-konvenut appellant.